MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Numru 326/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**KONTRA**

**MARIO VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Vella ta’ 39 sen, bin Emanuel u Filomena nee’ Chetcuti, mwieled Pieta nhar id- 19 ta’ Mejju 1969, residenti fil- fond Flat 1, Triq Patri Wistin Magro, Burmarrad u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 226869(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli f’dawn il- Gzejjer fil- 10 ta’ Jannar 2009 ghal habta ta’ 16.30hrs gewwa Hal- Kirkop:
1) volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara ta’ €1168.40 fuq vettura JBG 596 ghad- dannu ta’ Rodianne Briffa
2) akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il- Ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Rodianne Briffa fil- pussess ta’ hwejjigha jew b’xi mod iehor kontra l- Ligi indahal fi hwejjeg haddiehor
3) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Rodianne Briffa skond ma ccertifika Dr. J. Vella MD mill-Poliklinika ta’ Rahal Gdid.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325 (b), 85 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat

iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Torbot lill-imputat b’garanzija tieghu nnifsu favur Rodianne Briffa ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal sena taht penali ta’ hames mitt Ewro (€ 500).

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------